**5 ta' Marzu, 1986**

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Dottor Paul Xuereb

*versus*

Felix Agius bħala Editur et

**Kitba Inġurjuża – *"Fair Comment"* – *"Harmless Abuse"***

*Il-Qorti tifhem u tapprezza l-ħtieġa ta' kummenti ħielsa dwar dak li jinkiteb fil-pubbliku u li min jitfaċċa fil-pubbliku jrid ikun ippreparat jittollera xi ħwejjeġ li fil-privat ma jittollerax u ċertament li taqbel mal-massima llum magħrufa sew li "facts are sacred, comment is free". Imma mbagħad il-Qorti għandha d-dmir li tagħraf il-limiti ta' fejn il-libertà ma tibqax ħelsien iżda ssir liċenzja, għax il-kumment ma jibqax "fair", u l-fatti ma jibqgħux fatti.*

*Lanqas huwa l-każ li tgħaddi l-kritika bħala "harmless abuse". Dan jitlob li jkun tassew "harmless" u ma jkun hemm l-inqas perikolu għal xi konsegwenzi koroh għal dak li jkun; jekk hemm xi perikolu ta' xi konsegwenzi koroh, il-ħaġa jkollha aktar minn stallettata fid-dlam milli minn ċajta ħelwa.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni numru 48/82 ippreżentat fit-18 ta' Jannar, 1982 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress illi l-konvenuti Agius u Cassar il-kwalità tagħhom ta' Editur u Stampatur tal-ġurnal "L-Orizzont", ippubblikaw u stampaw rispettivament fil-ħarġa tal-ġurnal ta' "L-Orizzont" ta' l-Erbgħa, 13 ta' Jannar, 1982, f'artikolu *di fondo* li jibda fl-ewwel paġna ntitolat "Kampanja ta' Tixwix bil-Miftuħ", kliem inġurjuż għall-attur li jattribwixxi lill-attur fatti u

ċirkostanzi u fih kummenti diżonoranti u inveredići li joffendu l-unur u r-reputazzjoni ta' l-attur, jew itellfuha u jnaqqsuha u jesponuh għad-disprezz tal-pubbliku, kif se jirriżulta fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

L-attur talab li l-konvenuti jgħidu għaliex (1) prevja d-dikjarazzjoni li l-imsemmi artikolu jew dawk il-partijiet minnu li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, kien u huma inġurjużi għall-attur; (2) m'għandhomx jiġu kkundannati li jħallsu lill-attur dik is-somma bħala riparazzjoni għall-inġurja u risarċiment tad-danni a bażi ta' l-art. 28 ta' l-Att XL ta' l-1974 Dwar l-Istampa, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali; u (3) liema somma għandha tiġi minn din il-Qorti llikwidata skond il-liġi;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti li kienu inġunti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur, id-dokumenti esebiti u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew (1) illi l-kitba *"de quo"* ma fiha xejn diffamanti versu l-attur iżda sempliċi kummenti u forsi dak li *"in subiecta materia"* jissejjaħ *"harmless abuse"*. B'danakollu huma minn issa juru s-sebgħa tagħhom għal xi ħaġa li biha l-attur ħassu mweġġa'. (2) Illi l-eċċipjenti Anton Cassar ma kienx qara l-kitba qabel ġiet mitbugħa;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda tagħhom;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

tad-29 ta' April, 1983 li biha laqgħet it-talbiet attriċi billi ddikjarat li l-artikolu in kwistjoni kien inġurjuż għall-attur u kkundannat lill-konvenut Editur Felix Agius iħallas lill-attur is-somma ta' tliet mitt lira Maltija (Lm300) u lill-konvenut Stampatur Anton Cassar iħallas lill-attur is-somma ta' ħamsin lira Maltija (Lm50) bl-ispejjeż kontra l-konvenuti u dan wara li kkunsidrat:

"Dwar il-fatti; illi, ftit wara r-riżultat ta' l-aħħar elezzjonijiet politiċi tal-pajjiż, l-attur kiteb ittra li kienet ippubblikata f' *"The Times" tad-19 ta' Diċembru, 1981, fejn issuġġerixxa li fil-kuntest tar-riżultat ta' l-elezzjoni;*

*"It is important that the two leaders start talking immediately, for if they do not, the future would be most unattractive: wide spread disgruntlement at the best, continual incidents at the worst"*. Dan kien l-iktar paragrafu punġenti f'ittra pjuttost twila li t-ton tagħha tista' tgħid kollu kien konċiljattiv mill-iktar, u li l-ħsieb ġenerali tiegħu kien li jwassal għall-formula mfissra tajjeb fl-isem li ngħatalha *"Government by Consensus"*;

Fit-13 ta' Jannar, 1982, deher Editorjal fil-ġurnal "L-Orizzont" li beda fl-ewwel paġna u kompla fil-ħames taħt l-isem "Kampanja ta' Tixwix bil-Miftuħ" fejn fost ħwejjeġ oħra nkiteb li:

"Nikkwotaw x'qal Dr. Paul Xuereb f'ħarġa reċenti *"The Times"*. Dan kiteb: ".....jekk iż-żewġ mexxejja ma jiltaqgħux u jitkellmu malajr, se jkun hawn inċidenti serji";

Iktar 'l isfel, b'ittri ħoxnin intqal:

"Dawn kollha huma provi ċari li qiegħda ssir kampanja ta' tixwix bil-miftuħ, kampanja li tista' twassal għal inċidenti serji, inċidenti li qegħdin jiġu nkoraġġiti b'kitbiet f'ġurnali li huma kontra l-Moviment tal-Ħaddiema";

L-attur ħass ruħu inġurjat minn dan l-artikolu *di fondo* u jallega li "jattribwixxi lill-attur fatti u ċirkostanzi u fih kummenti diżonoranti u inveridiċi li joffenduh u jesponuh għad-disprezz tal-pubbliku";

Ikkunsidrat illi kif sewwa kien sottomess għall-konvenuti għandu jkun hemm libertà ta' kumment dwar dak li jinkiteb u jkun ippubblikat fil-pubbliku. Huma jinsistu li kienu intitolati li jikkummentaw fuq il-kittieb kif ikkummentaw, u jallegaw li l-kelma "tixwix" hija *"fair comment"*. Il-Qorti tifhem u tapprezza l-ħtieġa ta' kummenti ħielsa dwar dak li jinkiteb fil-pubbliku u li min jitfaċċa fil-pubbliku jrid ikun ippreparat jittollera xi ħwejjeġ li fil-privat ma jittollerax u ċertament li taqbel mal-massima llum magħrufa sew li *"facts are sacred, comment is free"*. Imma mbagħad il-Qorti għandha d-dmir li tagħraf il-limiti ta' fejn il-libertà ma tibqax ħelsien iżda ssir liċenzja, għax il-kumment ma jibqax *"fair"*, u l-fatti ma jibqgħux fatti. Issa f'dan il-każ fejn l-attur qal: *"continual incidents at the worst"* (fl-agħar ipotesi inċidenti ma jaqtgħux), kien ikkwotat li qal "se jkun hawn inċidenti serji", u b'hekk l-ipotesi saret fatt. Imbagħad il-kelma "tixwix" fil-vokubularju Malti kontemporanju mhix kelma li ma tagħtix każha bħal ma kienet fi żminijiet oħrajn; saret tkarkar magħha dell tqil u ħafna jiddejqu biha u jibżgħu minnha. Għalhekk jidher ġustifikat il-paragun li sar għall-attur bejn li tgħajjar persuna xewwiexa u li tgħajjarha "Kriminali", "ħalliela", "truffatur", eċċ;

Ikkunsidrat illi, kif sewwa indika l-attur, mhux il-każ li tgħaddi l-kritika bħala *"harmless abuse"* kif jidher lampanti meta tqis il-konsegwenzi għall-attur li kieku l-awtoritajiet kellhom jagħtu lill-kitba tiegħu l-istess piż li tagħa l-Editorjal. Il-*"harmless abuse"* jitlob li jkun tassew *"harmless"*, u ma jkun hemm l-inqas perikolu għal xi konsegwenzi koroh għal dak li jkun; jekk hemm perikolu ta' xi konsegwenzi koroh, il-ħaġa jkollha iktar *minn stallettata fid-dlam* milli minn ċajta ħelwa;

Ikkunsidrat illi r-responsabbilità tal-kittieb trid tkun bilfors wisq iktar minn ta' l-istampatur li jaħlef kif ħalef l-istampatur f'dan il-każ "Jiena ma kontx qrajt l-artikolu in kwistjoni qabel ma ġie ppubblikat" (fol. 17), għad li l-Qorti ma teskludix il-possibbilità ta' każi fejn b'danakollu r-responsabbilità tista' tkun ugwali (eż. kompliċità fil-kitba b'suġġerimenti minn qabel, eċċ.);

Rat a fol. 33 in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u a fol. 35 sa 38 il-petizzjonni ta' l-appell tagħhom li permess tagħha talbu li din il-Qorti jogħġobha a) tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara li huma ma nġurjawx lill-attur u allura tiċħad it-talbiet kollha ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu; (b) subordinatament u bla preġudizzju għar-revoka mitlub, f'każ li din it-talba għar-revoka tiġi miċħuda, tirriforma l-istess *sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu* ddikjarat l-artikolu inġurjuż, tirrevokaha in kwantu għall-*"quantum"* ta' danni billi tiffissa ammonti iżgħar li jkunu aktar xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

Rat a fol. 42 ir-risposta ta' l-appell ta' l-appellat li biha għar-raġunijiet ikkontenuti fiha talab li l-appell jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-Ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-Ewwel Qorti messha ddikjarat li ma kien hemm xejn, fil-kitba *"de quo"* inġurjuż għall-attur;

Bħala argumenti in sostenn ta' dan l-aggravju l-appellanti ġabu s-segwenti:

a) Meta l-Qorti daħlet fl-argument jekk l-esponenti kinux ġustifikati li jiddeskrivu lill-kitba ta' l-attur bħala tixwix jew le, kienet qed tieħu żball fundamentali billi l-Qorti m'hix mistennija tgħid **taqbilx jew le** ma' ċerta kitba, iżda jekk dak il-kumment jew dik l-osservazzjoni setgħux isiru. Inkella l-konklużjoni tkun li ma jistax ikun hemm pluralità ta' kummenti u reazzjonijiet differenti (forsi opposti u konfliġġenti) għall-istess kitba. Kitba tista' tħares lejha minn diversi lentijiet u taħt diversi aspetti u l-Qorti ma tistax tikkontrolla dan. Il-Qorti trid teżamina biss kienx hemm inġurja;

b) Dwar l-inġurja l-Ewwel Qorti llimitat ruħha filli qalet li ssib paragun bejn li tgħajjar persuna xewwiexa u li tgħajjarha "kriminali", "ħalliel" u "truffatur" eċċ.;

ċ) L-esponenti jaraw f'dan esaġerazzjoni. Żgur li dak li l-paragun li rat l-Ewwel Qorti, ma jarahx l-*"average reader";*

d) L-Ewwel Qorti, taħt l-"eċċ." li użat, tgħid setgħet

kellha f'moħħha wkoll li jekk bniedem, fil-**konfront ta' kitba ta' natura politika** tgħidlu li xewwex, qisek qed tgħidlu li hu *omicida,* rapist, sekwestratur tal-persuna, *korruttur* tal-minorrenni, u l-bqija tad-delitti li jipprovdi għalih!;

e) *Dak il-paragun li rriteniet ġust* l-Ewwel Qorti hu raġunament imġebbed li jmur kontra l-prinċipju li għall-akkużat jew danneġġjant għandek dejjem tagħti l-benefiċċju ta' l-aħjar interpretazzjoni *favuru*, dik l-iktar beninja għalih;

Dawn l-argumenti ġew prodotti kollha u kif proposti fil-petizzjoni ta' l-appell peress illi speċjalment u kwantu jirrigwarda l-ewwel argument huma indikattivi ta' karatteristika partikolari fil-linja addottata mill-appellanti u ċjoè illi kif tajjeb spjegat fis-sentenza appellata jirriżulta bl-aktar mod lampanti illi l-konvenuti letteralment ikkwotaw *lill-attur ħażin* u użaw dik il-*"misquotation"* bħala arma kontra tiegħu. Fi kliem ieħor id-differenza qiegħda hawn. Kieku saret riferenza għal dak li kiteb Dr. Xuereb *mingħajr tgħawwiġ* u tibdil kieku l-ebda parti mill-ittra tiegħu ma setgħet loġikament tiġi integrata fl-artikolu *di fondo* inkriminat għax ma kienx ikun hemm sens. L-ittra ta' Dr. Xuereb kienet tappella għar-rikonċiljazzjoni mentri l-Editorjal jattakka lil min ixewwex u jrid l-inkwiet u għalhekk l-ittra ta' Dr. Xuereb ma kinitx tidħol fil-kwadru ta' l-Editorjal. Kif tbiddlet il-parti ċċitata però spiċċa l-ispirtu konċiljattiv u daħal dak kombattiv u ta' gwerra b'mod li l-attur spiċċa mixli flimkien ma' persuni oħra bħala wieħed li qed irewwaħ il-ġamar biex jaqbad aktar. Din il-Qorti ma *tixtieqx tgħid ħafna fir-rigward,* tgħid biss li ċertament il-konvenut Agius naqas u naqas sew meta attribwixxa lill-konvenut kliem li ma kienx qal u fuq il-bażi ta' fejn ikkwotah ħażin ħeġġeġ *li jittieħdu* passi mill-Gvern kontra tiegħu u min bħalu skond l-Editur kienu qed jinkoraġġixxu

inċidenti serji;

Rigward jekk dak li ntqal fil-konfront ta' l-appellat mill-Editur appellant fil-kumpless ta' l-Editorjal in kwistjoni jammontax għal inġurja jew le din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha żżid fuq li qalet l-Ewwel Qorti. Infatti m'hemmx dubju li l-attur appellat ġie akkużat fl-Editorjal li hu parti minn kampanja ta' tixwix u destabilizzazzjoni u biex ma jibqax isaltnu *l*-paċi u *d*-demokrazija;

L-ewwel aggravju ta' l-appellant għalhekk hu infondat;

It-tieni aggravju jirreferi għal *quantum* stabbilit mill-Ewwel Qorti;

Illi fis-somma inflitta mill-Ewwel Qorti tenut kont tal-massimu li tipprovdi għalih il-liġi, iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ li fil-konfront ta' l-attur fiż-żmien rilevanti seta' kellhom konsegwenzi serji, u inoltre kkunsidrat li ma jidhirx li s-somma llikwidata hi manifestament sproporzjonata b'mod li tiġġustifika l-intervent ta' din il-Qorti, l-istess aggravju ma jistax jiġi favorevolment aċċettat;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a kariku ta' l-appellanti.